MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE**

Seduta tal-11 ta' Frar, 2003

Citazzjoni Numru. 528/1993/2

**Michael Psaila**

**Vs**

**Maria Psaila, xebba Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-partijiet ghamlu c-cerimonja taz-zwieg bejniethom skond kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg esebit mac-citazzjoni bhala Dok. A;

Premess illi b'din ic-cerimonja effettivament ma nholoqx kuntratt validu ta' zwieg u danperess li l-istess kuntratt

kien vizjat, kif previst mill-Artikolu 19(1) tal-Kapitolu 255, minhabba ta' vjolenza kemm fizika u kemmmorali biex inghata l-kunsens, u l-ezistenza ta' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligi taz-zwieg da parti tal-konvenuta, u l-konvenuta ma kellhiex fil-mument setghat intellettwali bizzejjed biex jinholoq kunsens;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li z-zwieg li suppost gie celebrat bejn il-kontendenti, kif indikat fl-att taz-zwieg numru 258/66 hu null u bla effett, u dan kif previst fl-Artikolu 19 tal-Kap 255, minhabba ta' vjolenza kemm fizika u kemm morali biex inghata l-kunsens, u l-ezistenza ta' anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligi taz-zwieg da parti tal-konvenuta, u l-konvenuta ma kellhiex fil-mument setghat intellettwali bizzejjed biex jinholoq kunsens;

Bl-ispejjez ghall-kontroparti konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta illi fiha eccepiet:-

1. Illi t-talbiet u l-pretensjonijiet ta' l-attur kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li kif ser jigi ppruvat waqt din il-kawza z-zwieg *de quo* kien wiehed validu;

Ghamlet ukoll riserva ghall-eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet taghha ta' l-20 ta' April 1994 li permezz tieghu gie nominat l-Avukat Dr. Thomas Abela bhala perit

legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat id-digriet sussegwenti taghha ta' l-14 ta' Novembru 1995 li permezz tieghu, fuq talba ta' l-istess attur, gie nominat Dr. Joseph Pullicino bhala espert psikjatriku; kif ukoll id-digriet tad-29 ta' Ottubru 1997 li bih l-istess Dr. Pullicino, wara l-mewt tieghu, gie sostitwit b'Dr. George Debono bl-istess inkarigu u fakoltajiet;

Rat ir-relazzjonijiet ta' l-imsemmija esperti li jinsabu a fol. 143 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur ipprezenta din il-kawza fejn talab li z-zwieg tieghu mal-konvenuta jigi dikjarat null minhabba nuqqasijiet kontemplati fl-Artikolu 19(1) tal-Kap. 255; minn naha taghha l-konvenuta eccepiet li z-zwieg kien validu;

Illi mic-certifikat taz-zwieg anness jirrizulta li l-kontendenti zzewgu fl-20 ta' Settembru 1964 waqt li c-citazzjoni giet ipprezentata kwazi tletin sena wara dan iz-zwieg; jirrizulta wkoll li l-kontendenti zzewgu meta kellhom biss ghoxrin sena u kienu ilhom jafu lil xulxin xi sena jew sentejn qabel;

Illi rrizulta li l-familja tal-konvenuta tbati minn marda li ghalkemm ma tressqux provi cari dwarha, skond l-espert psikjatriku hija x'aktarx il-marda maghrufa bhala Huntington's Chorea, li skond l-istess espert "tibda madwar iz-zmien ta' hamsa u tletin sena fejn tesebixxi ruhha b'caqliq li dejjem izid fiz-zmien";

Illi jidher li l-konvenuta kellha tlett hutha, presumibilment akbar minnha, li kienu jbatu minn din il-marda, dawn kienu mietu meta kellhom l-eta` ta' 41, 49 u 60; sfortunatament il-partijiet ma pprezentawx ebda prova dwar l-etajiet ta' l-ahwa tal-konvenuta li xehdet "ma nafx x'jisimha il-marda ta' huti. Ma ghandix dokumenti fuq huti dwar din il-marda. Jghidu li minn naha ta' missieri kien hemm xi hadd jiccaqlaq. Uliedna huma kollha b'sahhithom u ma jbatux minn din il-marda"; xehdet ukoll li "niftakar li missieri kien ibati mic-caqliq u miet meta kelli erbatax-il sena. Jghidu li missier missieri beda b'din il-marda.";

Illi dwar jekk kienetx tkellmet ma' l-attur dwar il-mard, il-konvenuta stqarret "qabel iz-zwieg tieghi hija ma kellu ebda caqliq. Nghid illi Michael (l-attur) ma kienx jaf biex miet missieri u jiena qatt ma semmejtlu dwaru. Huwa qatt ma staqsieni." Dan huha li semmiet kien jismu Leli u l-konvenuta xehdet illi kien ix-xhud taz-zwieg taghha imma skond ma jirrizulta mid-dokument esebit dan x'aktarx kien il-persuna li tellaghha ghaz-zwieg u mhux li kien ix-xhud taz-zwieg taghha;

Illi l-Qorti wara li fliet id-deposizzjonijiet kollha, osservat il-mod sincier li xehdet il-konvenuta fid-diversi seduti li fihom sarilha l-kontro-ezami, u fejn jigi notat, li wriet pacenzja u maturita` kbira fir-risposti ghad-domandi ripetuti li kienu qed isirulha dejjem fuq il-mard ta' hutha;

Illi fost il-premessi ta' l-attur ghat-talba tieghu hu jindika li "l-konvenuta ma kellhiex fil-mument (taz-zwieg) setghat intelletwali bizzejjed biex jinholoq kunsens"; dwar din l-allegazzjoni l-espert psikjatriku kkonstata li "l-konvenuta dehret normali u qalet li qatt ma kellha bzonn tara xi tabib minhabba xi stat nervuz u qatt ma hadet kalmanti". Fir-rapport tieghu ma jirrizultax li kellha xi difett fis-setghat intellettwali u l-espert ma jirriskontra l-ebda difett mentali u ghalhekk dina l-premess ser tigi michuda;

Illi l-attur allega wkoll li l-konvenuta kienet issofri minn anomalija psikologika serja li taghmilha impossibbli ghall-konvenuta li taqdi l-obbligi taz-zwieg. Minn ezami ta' l-istqarrijiet ta' l-attur, huwa semma li l-genituri tieghu ma

riduhx jiehu lill-konvenuta ghal ragunijiet socjali u ekonomici "kemm-il darba kienu jifthuli ghajnejja u jghiduli illi din ma kienetx tat-tip tieghi. Huma kienu jghiduli hekk ghax hi ma kienetx taf iggib ruhha quddiem in-nies. Dejjem kienet qisa wahda ndannati u barra minn hekk il-genituri tieghi kienu jaraw illi kull sold li jiena kont naqla sahansitra qabel iz-zwieg hi kienet tiehdu u kienet tikkontrollani f'dan il-qasam. Tant kienet kbira din l-opposizzjoni tal-familja tieghi illi jiena nibqa' niffrekwenta u nizzewweg lil Maria Psaila illi fl-ahhar kelli nitlaq mid-dar. Kont sibt zewgt ikmamar f'Hal Qormi u sakemm izzewwigt lil Maria bqajt nghix go fihom.";

Illi ghalhekk huwa spicca biex qabel izzewweg hu kien telaq mid-dar u mar jghix fil-post imsemmi. Dwar dan iz-zmien l-attur ressaq bhala xhud lill-avukat Dr. Joe Brincat illi huwa kugin tieghu u kellu okkazzjoni li kellmu xi granet qabel il-jum taz-zwieg; dan kien car meta stqarr li "il-problemi li kellu, sa fejn naf jien, kienu ma' ommu u ma' missieru. Sa fejn naf jien dawn kienu kwistjonijiet tas-soltu. Imbaghad smajna li fl-Indipendenza kien ser jizzewweg. U ma nafx li kien hemm festini u ricevementi. Jiena ma kontx mistieden ghat-tieg. Dak iz-zmien lil Michael l-attur kien jidher 'highly unstable' u sa fejn naf jien ommi kienet ghamlet minn kollox biex twissih li dawn ma kienux hwejjeg ta' ghagla. Jien dak iz-zmien ma kontx naf li gharus jew ma' min. Jiena naf bhala fatt illi dak iz-zmien l-attitudni tieghu kienet li ried jaghmel ta' rasu. Jghaggel biex jehles mill-ambjent tad-dar u l-kwistjonijiet tal-genituri u hutu."

Illi kieku kien veru l-konvenut iggieled mal-genituri minhabba l-persuna li ried jizzewweg, dan kien, mod jew iehor, jingieb a konjizzjoni ta' l-avukat Joe Brincat fil-laqgha li kellu ma l-attur; l-gharusa ma ssemmietx u jidher li l-attur telaq mid-dar ghax kellu rasu iebsa u kellu kwistjonijiet mhux biss mal-genituri imma anki ma' hutu;

Illi din il-konsiderazzjoni certament tinfluenza hafna fuq il-kredibilita` tal-versjoni moghtija mill-attur tar-relazzjonijiet kollha tieghu mal-konvenuta;

Illi jekk wiehed jezamina sewwa l-affidavit ta' l-attur dan jindika li l-aktar li kien jinkwetah kien il-fatt li huwa kien qed ikollu jhallas hafna flus lil martu - qatt ma jidher li kien jiggieled maghha dwar il-kura tat-tfal jew dwar l-ikel jew dwar id-dar; igerger dwar l-influenza tal-familjari taghha, imma l-aktar ghax kien jemmen li huwa kien qieghed imantni mhux biss lil martu imma wkoll lil ommha, lil ohtha u anki lil zewgha illi insista kemm-il darba li dan kien bniedem ghazzien;

Illi skond l-attur l-inkwiet beda mill-ewwel maz-zwieg u ma waqafx. Jigi osservat illi b'dan kollu, u minkejja dawn in-nuqqasijiet kbar li huwa jallega li kellha martu, huma ghamlu mhux anqas minn sitt itfal; jigifieri l-inkwiet mal-mara ma tantx kien izommu mir-relazzjonijiet tieghu maghha;

Illi skond il-konvenuta l-inkwiet fil-fatt beda proprju meta l-attur beda jifrekwenta mara ohra illi hija indikat isimha u tghid illi minnha kellu diversi ulied; ma jistax ma jigix osservat kif l-attur ma oggezzjonax ghall-allegazzjoni tant serja;

Illi l-marda li l-attur isemmi fl-affidavit tieghu u jsemmiha b'mod ripetut u nsistenti, kienet dik tal-qalb; ma semma xejn dwar xi marda ohra tal-konvenuta. Huwa mar isegwi fis-sigriet lil martu u meta staqsa l-isptar "huma kienu qaluli li marti kienet taht il-kura ta' professur minhabba difett li kellha f'qalbha. Nerga' nghid illi b'dan jiena qatt ma kont naf b'xejn u qatt ma qaluli b'xejn lanqas qabel ma zzewwigt. Jiena ma kontx naf b'din il-problema tal-mara sakemm sibt dan il-biljett li qieghed insemmi. Minn din l-iskoperta l-affarijiet ta' bejnietna aktar iggravaw ghax hassejt li kemm il-familja ta' marti kif ukoll marti kienu qarqu bijja meta ma kienux qaluli b'din il-problema. Dan il-fatt kif ukoll il-mod kif marti kienet tiehu hsieb l-att finanzjarju tal-hajja taghna kienu l-kagun il ghala jiena kont tlaqt 'il barra mid-dar." Jidher car li hu hass li kienu dahku bih ghax ma kienux qalulu li kienet marida b'qalbha;

Illi l-attur ma ressaq ebda prova dwar xi vjolenza jew xi nuqqas iehor da marti ta' martu anzi kien hu li gie kkundannat fi proceduri kriminali li ttiehdu kontra tieghu. Huwa naqas li jressaq ebda hjiel ta' prova dwar l-allegazzjonijiet fil-konfront ta' martu u donnu bbaza kollox fuq l-allegazzjoni tal-mard mentali li kellu jirrelata dwarhom l-espert psikjatriku;

Illi ghalhekk fid-dawl tar-rizultanzi processwali ma jirrizulta bl-ebda mod illi martu kienet tbati minn xi anomalija serja kif kontemplata fil-ligi;

Illi l-attur, bhal ma kif inghad, semma' biss il-mard tal-qalb li minnu kienet issofri martu u dwar dan anki mix-xiehda ta' Dr. Maria Sciberras, irrizulta li dan tfacca wara l-ewwel tarbija u jidher li gie superat felicement anki bi twelid ta' hames ulied ohra kif ukoll mic-certifikat ricenti esebit mill-konvenuta;

Illi l-ahhar punt li jrid jigi ndirizzat hu dak tal-marda illi rrizultat mill-indagini li saru u li x'aktar hija Huntington's Chorea li kienet tbati minnha kemm il-konvenuta kif ukoll missierha u hutha.  Dina hija marda gravi u giet spjegata b'mod elokwenti fir-rapport mediku; din pero` ma kellhiex influenza fuq il-kunsens moghti mill-konvenuta;

Illi din il-Qorti ma taqbilx li l-konvenuta hbiet xi marda mill-attur; dwar il-mard tal-qalb li kif gja inghad kienet l-unika wahda imsemmija mill-attur fil-bidu tal-process, dina ma kienetx tezisti jew almenu certament ma kienetx tat ebda sintomi fil-mument li gie celebrat iz-zwieg u allura il-konvenuta ma setghetx tkellem lill-gharus dwarha.  Ir-rapport legali ma jiddistingwix bejn iz-zewg mardiet fil-paragrafu relattiv pero` ghalkemm dan li inghad jirreferi biss ghal mard tal-qalb il-Qorti ghandha wkoll tikkonsidra il-marda l-ohra li minnha tista' tkun tbati il-konvenuta. Dwar din il-marda irrizulta li sal-mument taz-zwieg, hadd minn hutha ma kien ghadu gie affett minnha; veru li kienet taf li missierha miet bil-marda tac-caqliq meta hija kellha biss erbatax-il sena, izda mill-assjem tal-provi l-Qorti hija perswaza illi l-konvenuta ma kellha ebda hjiel ta' x'kienet tfisser din il-marda jew il-konsegwenzi taghha.  Il-fatt illi

persuna ikun tifel lil genituri tieghu f'eta` zghira ma jwassalx biex jimponi fuq dak li jkun l-obbligu illi joqghod jindaga u jiddiskuti ma' l-gharus dwar tali marda; dwar hutha kif inghad kienu ghadhom mhumiex affetti minn din il-marda;

Illi ma hemmx dubju li l-konvenuta kienet in buona fede f'dan ir-rispett u jekk ma tkellmitx ma' l-gharus taghha dwar kif kien missierha ma jfisser bl-ebda mod li hija kellha xi malafede fl-agir taghha; jigi wkoll osservat illi ghalkemm il-konvenuta ghandha mas-sittin sena qatt ma soffriet sintomi ta' din il-marda;

Illi ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-attur ma rnexxielux jipprova l-allegazzjonijiet minnu maghmula fic-citazzjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:

Tichad it-Talba Attrici kif dedotta fic-citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu mill-istess attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------